## ĦJIEL TA' ĦARIFA

*Ta'* V. J. GALEA

Fuq ħajt tas-sejjieħ, bla denb, b'rixhom imnittef,
erba' egħwietaq inaqqru l-bajtar bla ħedu.
'L hinn minnhom mas-sirda tal-grigal reżżieħa,
is-siġar tar-rummien u tal-ħarrub imgħabbra
jitbandlu għażżiena.
Minnhom ħiereġ leħen għaġġ'el u maħtuf, bħal imbeżża',
tal-għammel'n iċejqu mnaffra.
Bla waqfien, ġliba ġliba, il-ħuttaf isuq mat-toroq,
jofroq ir-raħal u jimsaħ mas-sies is-sies.
'L isfel il-baħar imqanfed u mgħaddab,
bir-ragħwa f'ħalqu jgiddem il-blat.
U 'l bogħod lejn ix-xefaq irjus bojod ħeddieda
bdew ileħħu rsuli ta' xita qliel.
Fuqhom għaddej jimraq bla raj fil-medda tas-sema
sħab ixheb imqatta'.
U wrajja x-xemx bajda nieżla...
Jaqsam is-swied b'qadfa meqjusa
bħal ġilwa abbatin sarbut kwakk ħabbara ta' l-ilma.
Tħares ċass minn fuq ċint fuq dix-xena l-ħamiema.

---

## GĦAQDA TAL-LETTERATURA TAL-MALTIN FL-AWSTRALJA

**Kumitat 1959-1960**

*President Onorariu 'Ex Officio'*: Kaptan Ġorġ Stivala O.B.E., Kummissarju għal Malta fl-Awstralja.

*Direttur Spiritwali 'Ex Officio'*: Rev. Dun Onoratu Galea, S.S.P., Kappillan tal-Maltin.

*President*: Manwel Cassar, 38, Nightingale Street, East S. Kilda S. 16, Victoria, Australia.

*Viċi-President*: Manwel Nicholas Borg, 50, Surrey Street, Pascoe Vale, Victoria, Australia.

*Segretarja*: (Mrs.) Josphine Cassar, 38, Nightingale Street, East St. Kilda, S. 16, Victoria, Australia.

*Assistent Segretarju*: Ġorġ Cini, 52, Stanley Street, West Melbourne, Victoria, Australia.

*Kaxxier*: Joseph Scerri, 9, Derham Street, South Kingsville, N. 14, Victoria, Australia.

*Assistent Kaxxier*: Joseph Briffa, 189, Nott Street, Port Melbourne, Victoria, Australia.

*Membri*: Rev. Dun L. Dimech, Anthony Vella u Louis Grima.



## X'SA NSEMMUH

*Ta'* JOHN FRIGGIERI

ILU ftit kont qiegħed nitkellem ma' wieħed ħabib tiegħi, kittieb tajjeb tal-poeżiji bil-Malti. M'għandniex xi ngħidu, id-diskors tagħna malajr waqa' fuq il-kitba u l-letteratura tagħna.

"Wieħed mill-uġigħ ta' ras tiegħi meta nikteb il-versi", qalli l-ħabib tiegħi, "huwa meta nasal biex nagħti l-isem lil dak li nkun ktibt. Erħini ndawwar minn hemm u minn hawn, inbiddel, inżid, innaqqas, sakemm fl-aħħar joħroġ xi isem li x'aktarx iva milli le ma jkollu x'jaqsam xejn mal-kitba tiegħi".

Jiena naf li dan mhux tfixkil li jiltaqa' miegħu l-ħabib tiegħi biss, iżda naħseb li ma nkunx niżbalja meta ngħid li l-għażla ta' isem, mhux f'dak li għandu x'jaqsam mal-kitba biss, iżda f'kollox, hija biċċa xogħol iebsa u ta' taħbil il-moħħ għal ħafna nies. Tgħiduli mela l-ħabib tiegħek jikteb bla ma jkun jaf fuqiex qiegħed jikteb? Le, mhux dan li rrid ngħid, iżda ġie li min jikteb ikollu l-punti kollha f'moħħu biex jisvolġi dak li jrid igħid u fl-aħħar, meta jiġi għall-isem, ma jsibx malajr dawk il-kelmtejn li fihom ikun irid ifisser fil-qosor dak li jkun jikteb dwaru.

Minn dawn hawn bosta mhux biss f'Malta, iżda wkoll f'postijiet oħra tad-dinja fejn il-letteratura hija ixjeħ ħafna minn tagħna. Shakespeare, ngħidu aħna, kien ibati ħafna biex isib isem addattat għall-*plays* famużi li kiteb. Dan nistgħu narawh aħna stess mill-ismijiet ta' xi xogħlijiet tiegħu u li jixhdu tabilħaqq kemm dan il-kittieb kbir Ingliż kien aktarx jikteb il-*play* u iħalli l-isem għall-aħħar. U hawn l-aktar li Shakespeare kien jitħawwad, ikkonfondi, u, bħal wieħed maħkum minn attakk tan-nervi, joħroġ b'xi isem bħal dawk ta' "As You Like It" jew "Twelfth Night Or What You Will". F'dawn iż-żewġ każi naraw li Shakespeare ma rnexxielux isib l-isem addattat għaż-żewġ *plays*. Fil-waħda kemm ukoll fl-oħra, it-test ma jaqbel xejn ma' l-ismijiet li tahom u dan juri biċ-ċar kemm l-awtur tħawwad sa ma wasal biex iħalli f'idejn il-qarrejja biex jagħżlu huma l-isem li jidhrilhom xieraq. Barra mill-*plays*, Shakespeare kiteb ukoll bosta poeżijiet żgħar. Ħafna minn dawn insibuhom bla isem xejn u ma naħsibx li dan Shakespeare għamlu b'kapriċċ iżda aktarx minħabba li ma setax isib isem li jixraq u li bih